**119. L-Onor Louis Galea ppropona illi:-**

Din il-Kamra tinnota:

Illi fil-21 ta' Jannar 1998 l-Avviż Legali numru 5 ta' l-1998, Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327), Regolamenti ta' l-1998 dwar Stipendji għal Studenti Universitarji li ġie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Jannar 1998 tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra u sar applikabbli għal dawk l-istudenti li jibdew korsijiet Universitarji fl-1 ta' Ottubru, 1997, jew wara dik id-data;

Illi b'dawn ir-regolamenti l-Gvern qed iwettaq reviżjoni tas-sistema ta' l-istipendji għal studenti universitarji li permezz tagħha fil-prattika qed inaqqas stipendju fix-xahar li jvarja bejn Lm71.83 (l-ewwel sena) u Lm155.50 (il-ħames sena) għal stipendju fix-xahar ta' Lm50 tul is-snin kollha tal-kors;

Illi dawn ir-regolamenti jivvjolaw il-wegħda elettorali espliċita tal-Partit Laburista fil-Gvern li wiegħed li jonora b'mod sħiħ is-sistema ta' l-istipendji kif kienet fi żmien Gvern Nazzjonalista;

Illi fil-fatt ir-regolamenti lanqas jirriflettu dak li ħabbar il-Gvern tliet xhur ilu fid-Diskors tal-Budget għaliex mhux veru jaħsbu sabiex "studenti universitarji ... ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom Lm100 fix-xahar bejn Ottubru u Ġunju ta' kull sena tal-kors akkademiku tagħhom ... li ... tingħatalhom nofs bin-nofs;  Lm50 tkun forma ta' għotja u Lm50 oħra f'forma ta' self li l-istudent jagħmel mingħand wieħed mill-banek li juru interess fl-iskema", u dana peress illi r-regolamenti bl-ebda mod ma jipprovdu u jirregolaw is-self imsemmi;

Illi mhux biss il-Gvern daħħal din il-miżura mingħajr ebda konsultazzjoni minn qabel, inkluż la mal-korp studentesk u lanqas ma' l-Universita', talli huwa ċar li injora għal kollox l-oppożizzjoni kostruttiva li saret b'mod qawwi, u lanqas indenja ruħu jġib għad-dibattitu fil-Kamra tad-Deputati l-Mozzjoni mressqa b'Avviż Numru 83 fl-14 ta' Ottubru, 1997, mill-Onor Louis Galea, Kelliem ta' l-Oppożizzjoni għall-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali;

Illi f'seduta straordinarja tad-29 ta' Ottubru, 1997, il-Kunsill ta' l-Universita' esprima t-tħassib tiegħu fis-sens illi "Kull tibdil jista' jinfluwixxi fuq l-aċċessibilita' għall-edukazzjoni terzjarja kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur, speċjalment fir-rigward ta' min jista' jkollu diffikultajiet finanzjarji biex isegwi dawn l-istudji għal tul ta' żmien għalkemm ikollu l-kwalifiki neċessarji.";

Illi l-miżuri li qed iwettaq il-Gvern fil-Budget għal din is-sena komplew jaggravaw il-qagħda finanzjarja tal-familji l-aktar fil-bżonn u t-tnaqqis drastiku ta' l-istipendju għat-tfal ta' dawn il-familji ser ikollu effetti mill-aktar negattivi, u dana minbarra li l-Gvern qed jitfa' s-sitwazzjoni lura għal aktar minn kwart ta' seklu meta qed jiddiskrimina u jissoġġetta lil dawn il-familji għall-eżami minn Bord *ad hoc* li jqis ikollhomx ħtieġa ta' għajnuna; u

Illi l-Oppożizzjoni tibqa' ssostni li miżura ta' dan it-tip tirrikjedi ħsieb u riċerka serja biex ikun magħruf minn qabel l-impatt tagħhom mhux biss fuq il-familji Maltin iżda wkoll fuq l-iżvilupp soċjo-ekonomiku ta' pajjiżna;

Għaldaqstant, din il-Kamra tirrisolvi li l-Avviż Legali Numru 5 ta' l-1998 jiġi b'hekk imħassar.

11.02.1998